MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2210/1998/1

**Lydia Mousu`**

**vs**

**Kareem Adebayo u b'digriet tad-29 ta' Ottubru 1999 Dr. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-istess konvenut assenti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-istanti u l-konvenut Adebayo Kareem izzewgu Malta fit-18 ta' Novembru 1995 (Dok. "A" hawn unit), u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

U illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli billi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn martu ta’ adulterju, sevizzi, mohqrija u ngurji gravi tant illi l-hajja konjugali ta’ bejniethom saret impossibbli *oltre* li z-zwieg tkisser irrimedjabilment u fl-1 ta’ Marzu 1997 il-konvenut abbanduna wkoll id-dar konjugali;

U illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili skond digriet tas-17 ta’ Gunju 1997 (Dok. “B” hawn unit) u b’digriet tal-15 ta’ Settembru 1998 (Dok. “C” hawn unit) li estenda t-terminu ghall-proponiment ta’ l-azzjoni;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi mputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu retta alimentari xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta’ l-attrici.

4. Tapplika favur l-attrici, nterament jew *in parte*, id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48, 54 u 55 tal-Kodici Civili;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi sabiex jillikwida u jaqsam l-istess komunjoni, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tar-rikors tas-17 ta’ Gunju 1997 u tal-15 ta’

Settembru 1998, u ta' l-ittra legali ta' l-24 ta' April 1997 kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 10 tal-process;

Rat il-verbal tat-28 ta' Gunju 1999

Rat ir-rikors tal-attrici datat 29 ta' Settembru 1999 fejn talbet in-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut Adebayo Kareem fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-29 ta' Ottubru 1999 fejn innominat lill-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbali tas-17 ta' Jannar 2000 fejn Dr. Henry Antoncich ghall-attrici ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Il-Qorti giet infurmata li ghandhom jigu nominati kuraturi ghall-konvenut li jinsab assenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-4 ta' Frar 2000 a fol. 27 fejn gie eccepit:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkunu edotti dwar dawn il-fatti.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 28 tal-process.

Rat il-verbali tat-22 ta' Marzu 2000 fejn Dr. Antoncich informa lill-Qorti li ser jghaddi l-indirizz tal-assenti lill-kuraturi, u l-Qorti laqghet it-talba tieghu biex il-proceduri

jsiru bil-lingwa Ngliza peress li l-konvenut jitkellem bl-Ingliz; u tal-15 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota tal-attrici tad-9 ta' Ottubru 2000 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tal-14 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-noti ta' l-attrici tas-16 ta' Jannar 2001 fejn biha pprezentat l-affidavit ta' John Mousu`, tat-23 ta' April 2001 li permezz taghha pprezentat dikjarazzjoni ta' William Osagiede.

Rat il-vebali tal-20 ta' April 2001; tas-27 ta' Settembru 2001; tal-14 ta' Dicembru 2001; tat-12 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-8 ta' Mejju 2002 u tal-31 ta' Ottubru 2002 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita sine die.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tas-16 ta' Dicembru 2002 fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata u titqieghed mill-gdid fuq il-lista sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 16 ta' Dicembru 2002 fejn laqghet it-talba u l-kawza giet riappuntata ghat-12 ta' Frar 2003.

Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 2003 fejn Dr. Antoncich ghall-attrici talab li jigi allegat ma' l-atti ta' din il-kawza l-process tal-kawza bl-ismijiet **"Lydia Mousu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et noe"** (Cit. Nru. 390/99 RCP – deciz minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru 2002). Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-provi f'dik il-kawza jghoddu bhala provi f'din il-kawza. Dr. Antoncich iddikjara li bhala komunjoni ma baqa' xejn b'dan li kulhadd ghandu jibqa' responsabbli ghad-dejn li kkuntratta u li dwar manteniment iddikjara li l-attrici bhalissa tahdem. In vista ta' dan talab li l-kawza

tmur ghas-sentenza, kif giet fil-fatt differita ghall-lum 27 ta' Frar 2003.

Rat ix-xhieda u dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet **"Lydia Mousu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et noe"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Ottubru 2002), allegati b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Frar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob separazzjoni mill-konvenut li hija zzewget fit-18 ta' Novembru 1995 fejn ma kien hemm l-ebda wild.

Illi fil-fatt jirrizulta pero` li z-zwieg bejn il-kontendenti gie annullat minn din il-Qorti permezz ta' sentenza fl-ismijiet **"Lydia Mousu` vs Dr Ian Spiteri Bailey et noe"** fl-1 t'Ottubru 2002 (P.A. (RCP), u dan wara li gie kkonstatat li tali zwieg kien wiehed ta' konvenjenza, fejn il-konvenut kien dahal ghall-istess unjoni mal-attrici bl-iskop uniku li jakkwista c-cittadinanza Maltija u ghar-rigward tal-komportament tal-konvenut il-Qorti tirreferi ghall-motivazzjoni u l-provi ndikati fl-istess sentenza.

Illi ghalhekk fl-isfond tal-fatt li z-zwieg bejn il-partijiet diga' gie dikjarat null l-ewwel (1) talba ghad-dikjarazzjoni u pronunzjament ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti hija llum superfluwa, ghalkemm a skopijiet ta' whud mit-talbiet l-ohra jigi nidkat li mill-provi prodotti f'din il-kawza u fil-kawza l-ohra fuq citata jirrizulta li l-konvenut kien hati versu l-attrici ta' adulterju, fejn agixxa b'mod ghal kollox indekoruz u lampanti fir-relazzjoni tieghu ma' terzi u wkoll kien hati versu l-attrici ta' sevizzi, mohqrija u ngurji gravi, u li abbanduna d-dar konjugali fl-1 ta' Marzu 1997, b'dan li kieku ma kienx hemm l-annullament taz-zwieg dikjarat, certament li m'hemm l-ebda dubju li z-zwieg kien ukoll tkisser irremmedjabilment.

Illi xorta jibqa’ l-punt dwar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti li baqghet mhux xolta *nonostante* l-imsemmija sentenza, pero` mill-provi prodotti jirrizulta li ma kien hemm xejn ta’ valur fl-istess komunjoni, u dan anke ghaliex id-dar konjugali bl-isem “Jeholi”, Triq il-Brankutli, Qawra, hija proprjeta` parafernali tal-attrici u nxtrat minnha qabel iz-zwieg fin-1982. Mill-bqija jidher li ma baqa’ xejn izjed ta’ valur apparti l-fatt li meta telaq il-konvenut jidher li ha diversi oggetti li lanqas kienu proprejta` tieghu. Madanakollu l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta b’effett mill-1 ta’ Marzu 1997, id-data ta’ meta l-konvenut abbanduna l-istess dar konjugali. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kull parti ghandha tinzamm responsabbli ghad-dejn li hija personalment ikkuntrattat.

Illi dwar manteniment u fid-dawl tad-dispozizzjonijiet li jistghu ikunu applikabbli ghall-kaz skond l-att taz-Zwieg ma jidhirx li hu l-kaz li din il-Qorti tidhol ghall-fissazzjoni tal-istess, anke peress li jidher li l-attrici tahdem u ghandha l-introjtu taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak fuq deciz, u filwaqt li tasjenti milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan peress li dan iz-zwieg gie dikjarat null b’sentenza ta’ din il-Qorti tal-1 t’Ottubru 2002 fl-ismijiet **“Lydia Mousu` vs Dr Ian Spiteri Bailey et noe”**, u filwaqt li tastejni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) talba ghall-istess ragunijiet, u tichad it-tielet (3) talba peress li fi kwalunkwe kaz jidher li l-attrici ghandha ntrojtu ghaliha, **tilqa’ r-raba’ (4) u l-hames (5) talba biss** fis-sens hawn indikat:

(4) Tapplika favur l-attrici in kwantu applikabbli ghall-kaz odjern in vista ta’ dak fuq premess, id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48, 54 u 55 tal-Kodici Civili**.

(5) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mill-1 ta' Marzu 1997, u tiddikjara li peress li l-istess komunjoni tal-akkwisti ma jidher li kellha ebda assi ta' valur m'hemmx bzonn ghalhekk li ssir likwidazzjoni u divizjoni tal-istess ghaliex ma hemm xejn x'jinqasam; id-dejn tal-istess komunjoni pero` ghandu jigi apporzjonat lil dik il-parti li tkun ikkuntrattatu personalment, filwaqt li jigi dikjarat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-fond "Jeholi", Triq il-Brankutli, Qawra, huwa proprejta` parafernali tal-istess attrici u hija diga' tinsab fil-pussess tieghu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tar-rikors tas-17 ta' Gunju 1997 u tal-15 ta' Settembru 1998, u ta' l-ittra legali ta' l-24 ta' April 1997 kontra l-konvenut assenti, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------